MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Appell Kriminali Numru. 251/2002

Il-Pulizija
(Spettur C. Magri)
Vs

X

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :
1) fil-31 ta' Mejju, 1998 fl-ghassa tal-belt Valletta bil-hsieb li jaghmel hsara lil Anna Mizzi minn Bormla, akkuzha quddiem awtorita' kompetenti b'reat fil-waqt li kien jaf li din il-persuna hija innocenti, u dan bi ksur tal-artikolu 101 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fix-xhur ta' wara din id-data, bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova

kontra Anna Mizzi minn Bormla, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat, u dan bi ksur tal-artikolu 110 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jimbdew proceduri kriminali kontra Anna Mizzi minn Bormla sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, u dan bi ksur tal-Artikolu 110 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fix-xhur ta' wara din id-data bil-hsieb li tikkorrompi xhud fi proceduri kriminali wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi b'theddid, b'rigali jew b'weghdiet avvicina lil Carol Coleiro mill-Belt Valletta u lil Carmen Azzopardi mill-Isla, zewg xhieda principali fi proceduri kriminali fl-ismijiet il-Pulizija (Spettur Carmelo Magri vs Anna Mizzi) sabiex jaghtu xhieda falza quddiem il-Magistrat Dott. J. Padovani Grima LL.D., liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, u dan bi ksur tal-Artikolu 102(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5) fil-11 ta' Settembru, 1998 halef il-falz quddiem Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu setgha b'ligi li jaghti l-gurament, meta l-gurament kien mehtieg mill-ligi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' wahda mill-Qrati ta' Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 108 (1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ta xhieda falza fi proceduri kriminali dwar delitt suggett ghall-piena akbar mill-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn, sew kontra kemm favur l-istess Anna Mizzi minn Bormla, u dan bi ksur tal-Artikolu 104(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7) talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' reati kif dedotti li hu kellu jissorvelja biex ma jsirux jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi, u dan bi ksur tal-Artikolu 141 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 t'Ottubru, 2002, li biha wara li rat l-Artikoli 102(b), 104(1), 639, 141, 17, 10 u 109(2) ikkundannat lill-akkuzat ghal erba' snin prigunerija w ikkundannatu ghall-interdizzjoni generali ghal ghaxar

snin u ghall-interdizzjoni milli jservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bhala perit, f’kull kaz li jkun.  Il-Qorti ordnat illi s-sentenza tal-kundanna ghall-interdizzjoni Generali tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 t’Ottubru, 2002  li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja w timmodifika s-sentenza appellata w dana billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn illiberatu mill-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames akkuza, thassar, tirrevoka w tikkancella dik il-parti fejn sabitu hati tar-raba, is-sitt u s-seba’ imputazzjoni w konsegwentement tilliberah minnhom.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ :- dwar ir-raba imputazzjoni  illi z-zewg persuni li qed jinghid li gew korrotti mill-appellant ma kienux jaqghu taht id-definizzjoni ta’ “xhud” ghax meta kellimhom jew avvicinhom l-appellant, il-proceduri kontra Anna Mizzi kien ghadhom ma bdewx  u dwar dan il-punt kien hemm inkonsistenza bejn iz-zewg xhieda Carmen Azzopardi w Carol Calleja w kull dubju dwar dan il-punt kellu jmur favur l-appellant . Ma giex fi kliem iehor stabilit li meta l-appellant kellem lil dawn iz-zewg persuni kienu xhieda. Di fatti dawn m’ ittellghux mill-prosekuzzjoni izda mid-difiza t’ Anna Mizzi .  Dwar is-sitt imputazzjoni peress li r-reat li kienet akkuzata bih Anna Mizzi ma kienx igib piena ta’ aktar minn sentejn habs, hu ma seta’ qatt jigi misjub hati tal-akkuza li xehed falz skond l-artikolu 104 tal-Kap.90.  Dwar is-seba imputazzjoni , din fil-fatt  wahedha ma tiskatta ebda piena kontra l-appellant u ghalkemm jirrizulta li l-appellant kien fil-fatt bhala *omissis, jiddependi fuq il-fatt li l-appellant jinstab hati fuq l-akkuzi l-ohra biex tkun tista’ tizdied il-piena fuq dawk l-akkuzi l-ohra . Finalment dwar il-piena, din kienet wahda eccessiva ghax il-fedina penali tal-appellant kienet wahda netta u hu “first time offender”  u l-Ewwel Qorti jmissha hadet in konsiderazzjoni r-relazzjoni partikolari li kien hemm bejn l-appellant u Anna Mizzi kif ukoll il-kondizzjoni medika prekarja tal-appellant.

Fliet l-atti kollha processwali ;

Semghet ix-xiehda tal-Professur Godfrey Laferla u Dr. Mario Vassallo fis-seduta tad-19 ta' Frar, 2003 , dwar l-istat ta' sahha tal-appellant ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli prosekutur u tal-abbli difensur waqt l-istess seduta ;

Rat inNota tal-Avukat Generali tal-24 ta' Frar, 2003, bil-fedina penali aggornata tal-appellant annessa maghha ;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza ;

Ikkonsidrat ,

Illi l-Ewwel aggravju jirrigwarda s-sejbien ta' htija dwar l-imputazzjoni ta' tentattiv ta' korruzzjoni ta' zewg xhieda. Il-pern ta' dan l-aggravju hu jekk fiz-zmien meta l-appellant allegatament avvicina lil Carol Coleiro w Carmen Azzopardi , dawn kienux "xhud" fil-proceduri kriminali kontra Anna Mizzi . Issa hu fatt assodat li dawn iz-zewg persuni eventwalment spiccaw xehdu fil-kawza kriminali kontra Anna Mizzi bhala xhieda in difeza . Illi huwa ovvju ukoll li xhud jista' jigi korrott biss QABEL ma jittella jixhed minn-naha jew ohra w mhux WARA. Ikun inutili li xhud jigi korrott wara li jkun xehed ghax umbaghad ikun tard wisq. Ghalhekk is-sottomissjoni tal-appellant li dawn iz-zewg persuni ma kienux xhieda ghax kien ghadu ma bediex il-process kontra Anna Mizzi, apparti li ma jistriehx fuq pedamenti sodi ta' fatt ghax mix-xhieda hemm indikazzjonijiet qawiija li l-appellant kien gja ghamel ir-rapport kontra Anna Mizzi meta avvicina lil dawn iz-zewg xhieda, huwa wiehed ghal kollox dghajjef. Hu fatt li rrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Ewwel Qorti li dawn iz-zewg persuni gew avvicinati mill-appellant b'weghdiet ta' kumpens jekk huma jew ma jixhdux jew jixhdu li d-deheb li hu kien jati lill-Anna Mizzi kien jatihulha biex tuzah biss u mhux bhala donazzjoni li timplika trasferiment ta' proprjeta' fuq l-istess deheb. Jidher li dan ghamlu preventivament ghall-proceduri kriminali kontra Anna Mizzi biex jilqa' minn qabel ghall-linja ta' difiza li hu kien

qed janticipa li tiehu Mizzi fil-kawza kontra taghha. L-appellant jew ried iressaq lil dawn iz-zewg xhieda hu stess fil-prosekuzzjoni kontra Anna Mizzi jew jassikura ruhu li , jekk issejhilhom bhala xhieda d-difiza , huma jghidu dak li riedhom jghidu hu . Ghalhekk l-appellant meta avvicina lil dawn iz-zewg xhieda avvicinhom bhala zewg xhieda potenzjali u mhux kien qed jitklellem maghhom biss diskorrendo dwar il-kawza . Kellu ghan ben preciz li jistrada l-kawza f'certu direzzjoni bix-xhieda taghhom u sahansitra offrielhom kumpens jekk jixhdu kif irid hu.

Kieku kienet valida s-sottomissjoni tad-difiza nigu fl-assurd li wiehed jista' jikkommetti r-reat ta' tentattiv ta' korruzzjoni ta' xhud , biss wara li xhud jigi dikjarat bhala tali fl-atti ta' kawza civili jew kawza quddiem il-Qorti Kriminali , fejn ghall-inqas ikun gie dikjarat minn xi parti bhala tali skond ir-regoli procedurali . Invece fil-maggor parti tal-kawzi civili w kriminali sommarji fejn ix-xhieda ma jigux dikjarati minn qabel , tista' tipprova tikorrompi xhieda kemm trid - li zgur mhux il-kaz. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti lanqas hemm bzonn li jkunu bdew il-proceduri biex jissussisti dar-reat u dan ikun jezisti anki jekk f' xi proceduri imminenti jew anticipati wiehed jibda' javvicina persuni bil-ghan li jinducihom li f'kawzi jew proceduri eventwali jixhdu bil-mod kif irid hu . L-importanti hu li dawn il-persuni eventwalment jittelghu jixhdu minn xi wahda mill-partijiet kif fil-fatt gara f'dan il-kaz. Dan il-punt gie trattat mill-MAINO : ("Commento al Codice Penale" , Libro II , para. 1133 , p.346) meta jikkummenta dwar l-artiklu 218 tal-Codice Penale fil-parti li hija kwazi identika ghad-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 102 (b) tal-Kap.9, fl-istess sens :-

"Si e' disputato se a costituire la subornazione sia necessario che il subornato abbia gia la veste guidiziale di teste, interprete o perito nel momento della subornazione. E fu generalmente ritenuto e deciso che no, bastando che il subornatore sappia che il subornato sara' poi chiamato a deporre . In cio conveniamo perche il fatto non cambia natura per la circostanza che la citazione della persona subornata sia gia' avvenuta , oppure semplicemente prevista . Ma mancherebba obbiettivamente ogni ragione

d'incriminazione , se la persona subornata , e che si credeva sarebbe stata chiamata , non sia poi chiamata – poiche' in simili ipotesi il subornato non avrebbe rivestito mai la qualita' di teste , interprete o perito richiesta dall-art.218 e sarebbe di fatto mancata ogni potenzialita' di danno." (Ara ukoll Cassazione Penale 13.5.1897 , Olita (Riv. Pen. XLVI 285; Cass. Unica , VIII , 1873 ) 23 . 11. 1896, Marengo (Riv. Pen. XLV 63, cass, unica VIII , 307 u ohrajn.)

Stabilit dan il-punt ta' dritt, din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-fatt innifsu dwar jekk l-appellant ittantax li jikkorrompi lil dawn iz-zewg persuni . Din hija kwistjoni ta' apprezzament ta' provi w l-Ewwel Qorti altru milli kellha bizzejjed provi biex , jekk trid, setghet tasal ghall-konkluzzjoni li tali tentattiv kien effettivament sar u dana b' mod "safe u satisfactory".

Il-fatt li l-appellant , meta ra li kien falla t-tentattiv tieghu li jikkorrompi lil dawn iz-zewg xhieda , spicca ma nsistiex mall-Prosekuzzjoni biex ittellaghhgom bhala xhieda taghha , ma jnaqqas xejn mill-elementi tar-reat , ghax fil-fatt dawn ix-xhieda , kif forsi anticipa wkoll l-appellant , ittellghu mid-difiza bhala xhieda eventwalment u setghu anki f'dak l-istadju gew influwenzati mill-weghdiet ta' kumpens li kien ghamillhom l-appellant .

Ghalhekk dan l-aggravju jidher li hu infondat kemm bhala fatt kif ukoll guridikament ;

Illi l-aggravju dwar is-sitt imputazzjoni jirrigwarda l-piena li setghet tinkorri Anna Mizzi fil-proceduri kontra taghha , kieku instabet hatja . l-appellant isostni li skond l-artikolu 293 tal-Kap.9 , l-aktar li setghet tehel kien tmintax il-xahar prigunerija . Ghalhekk non si trattava ta' reat li jgib mieghu AKTAR MINN SENTEJN PRIGUNERIJA.

Issa ghalkemm fil-process odjern ma gietx esebita kopja awtentika tac-citazzjoni kontra Anna Mizzi, mill-kopja tas-sentenza esebita fil-kawza t' Anna Mizzi , jidher li din kienet qed tiffaccja proceduri ghal approprjazzjoni ndebita

ta’ kwantita’ ta’ oggetti tad-deheb li l-valur taghhom kien ta’ tmint elef lira Maltin (LM8000).

Dan ir-reat hu dak kontemplat fl-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali u li kif kien qabel l-emendi li saru bl-Att III tas-sena 2002 , kien jipprovdi ghall-piena ta’ prigunerija ta’ mhux izjed minn disa’ xhur . Dana peress li dak il-process kontra Anna Mizziu kien gie deciz fis-26 ta’ Gunju, 2000 u cioe’ qabel l-emendi tas-sena 2002.

Id-difiza tissomettometti li s-sitt imputazzjoni hija bazata fuq l-artikolu 104 (1) tal-Kodici Kriminali , kif del resto gie indikat fl-istess citazzjoni kontra l-appellant. Dan l-artikolu jipprovdi li kull min jaghti xiehda falza fi proceduri kriminali dwar delitt suggett ghall-piena akbar mill-piena ta’ prigunerija ghal zmien sentejn , sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkuzata, jehel, meta jinsab hati, minn sentejn sa hames snin prigunerija. Ghalhekk issostni d-difiza dan ir-reat ma japplikax ghat-testimonjanza li kien tal-appellant odjern fil-kawza ta’ Mizzi anki jekk din kellha tirrizulta li kienet falza fil-kaz odjern .

Il-Prosekuzzjoni pero’ tobbjetta li biex wiehed iqis x’setghet wehlet Anna Mizzi ma jridx ihares biss lejn l-artikolu 293 imma irid jiehu in konsiderazzjoni ukoll l-artikolu 310 (1)(a) u f’dan ghandha ragun . Pero’ dan l-artikolu - kif kien qabel l-emendi tat-2002 - kien jiddisponi li fil-kazijiet imsemmija taht is-subtitolu III “FUQ IL-FRODI”, meta l-hsara maghmula mill-hati huwa aktar minn hames mitt lira , il-piena tizdied minn zewg gradi sa tliet gradi .U peress li mic-citazzjoni originali kontra Mizzi jidher car li l-Prosekuzzjoni kienet qed timputalha hsara ta’ tmint elef lira Maltin (LM8000) kieku nstabet hatja , setghet facilment u legalment inkorriet il-piena kontemplata fl-artikolu 310 (1) (a) .

Pero’ jekk wiehed iqis il-gradwataorja tal-pieni kif stabilita fl-artikolu 31 tal-Kodici Kriminali u partikolarment dawk li jidhru fis-sub-inciz (1) (b) (xii) (xi) (x) u (ix) , anki jekk il-piena massima ta’ disa xhur prigunerija setghet , jekk tizdied bi tlitt gradi, titla’ biss ghal piena massima “sa sentejn” U MHUX AKTAR MINN SENTEJN. Ghalhekk dan

l-aggravju jidher li hu fondat u jidher li l-Ewwel Qorti meta qieset x'piena setghet tinghata lill-Anna Mizzi , ma kienetx legalment korretta fl-applikazzjoni tal-artikolu 104 . Dan ghaliex il-piena li setghet wehlet Anna Mizzi ma kienetx "AKBAR mill-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn."

Il-Prosekuzzjoni pero' hawn ukoll tobbjetta li anki jekk l-appellant ma setax jinsab hati taht l-artikolu 104 (1) seta' jinsab hati taht l-artikolu 105 li hu kompriz u nvolut fir-reat taht l-art. 104 (1) . Dan l-artikolu ikopri l-kaz ta' kull persuna li taghti xiehda falza fi proceduri kriminali dwar reat mhux imsemmi fl-artikolu 104 . Din il-Qorti thoss li din l-obbjezzjoni ghandha tigi milqugha w dana stante li l-artikolu 105 johloq reat minuri li jista' jirrizulta fuq l-istess fatti pero' meta ma jirrikorrix l-element ta' possibilita' li l-persuna processata tkun tista' tehel piena ta' aktar minn sentejn prigunerija.

Ghalhekk fil-waqt li l-appellant ghandu ragun jilmenta li l-Ewwel Qorti ma setghetx issibu hati tas-sitt imputazzjoni li hija akkampata fuq l-artikolu 104 tal-Kodici Kriminali w l-appell tieghu f'dar-rigward irid jigi milqugh , din il-Qorti pero' dejjem tista' tiddikjarah hati tar-reat kompriz u nvolut indikat fl-artikolu 105 , jekk tkun sodisafatta li jirrikorru l-elementi kollha ta' dan ir-reat.

Illi l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li l-appellant kien halef il-falz bil-mod kif xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza kontra Anna Mizzi , liema Qorti kienet hi stess li ordnat lill-Pulizija li jipprocedu kontra l-appellant ghall-kalunja . Din hija kwistjoni ta' apprezzament ta' fatt li din il-Qorti ma thossx li ghandha raguni bizzejjed biex tiddisturba , wara li rat il-motivazzjoni fis-sentenza appellata . Lanqas ma hu rilevanti l-motiv jew l-intenzjoni li kellu l-appellant meta xehed kif xehed . Meta tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz lanqas ma jista' jinghid - kif qed jissottometti l-appellant - li hu verament kien jemmen li d-deheb kien jappartjeni lilu w anki dwar dan l-Ewwel Qorti ghamlet l-apprezzament ta' fatt taghha li din il-Qorti thoss li m'ghandhiex tiddisturba.

In vista’ ta’ l-konkluzzjonijiet fuq raggunti, l-ilment , jekk jista’ jitqies tali , dwar is-seba imputazzjoni , jisfa’ fix-xejn, ghax ladarba din il-Qorti wkoll ser tikkonstata htija fir-rigward tal-appellant , allura tiskatta id-dispozizzjoni tal-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali ghal dak li jirrigwarda l-piena, stante li irrizulta u mhux kontestat li l-appellant *omissis, meta gie kommess l-allegat reat.

Illi ghar-rigward tal-piena din il-Qorti normalment ma tvarjax il-piena moghtija mill-Ewwel Qorti sakemm ma tkunx tohrog mill-parametri tal-ligi jew sakemm ma tkunx manifestament esagerata fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Hu minnu li l-kondotta tal-appellant hija wahda nadifa w hu kien biss instab hati fil-1971 ta’ sewqan b’silencer difettuz u ta’ sewqan b’giri aktar milli jmissu . Hu minnu ukoll li l-istat mediku ta’ sahha tal-appellant mhux wiehed felici . Imma dan ma jfissirx li din il-Qorti ghandha tibdel piena karcerarja f’ piena ohra (Ara Appell Kriminali “The Police vs. Garouba Taofik et” [30.1.2003] u “Ir-Republika vs. Hasan Omar Farag Ibrahim. “ [15.5.2003] ) partikolarment, meta kif irrizulta f’ dan il-kaz, il-kondizzjoni medika tal-appellant bizzejjed jekk tigi monitorata regolarment kull sitt gimghat b’ vizti fl-Out Patients Department tal-Isptar. Mill-banda l-ohra il-Qorti trid tqis ukoll li x-xorta ta’ reati li qed jinstab hati taghhom l-appellant jimminaw serjament l-amministrazzjoni tal-gustizzja w ghalhekk iridu jigu trattati konformement u mhux b’mod legger . Umbaghad il-fatt li bhala membru *omissis hu kellu mhux biss id-dover li ma jikkommettix dawn ir-reati imma sahansitra li jissorvelja biex jara li dawn ma jsirux , ikompli jiggravja l-htija tal-appellant , aktar milli kieku kien cittadin ordinarju .

Pero’ fid-dawl tal-konkluzzjoni raggunta fir-rigward tas-sitt imputazzjoni li l-appellant ma kellux jinstab hati taghha , imma ser u qed jinstab hati biss tar-reat kompriz u involut kopert fl-artikolu 105 tal-Kap. 9 , hu l-kaz li jkun hemm temperament fil-piena kif ser jinghid aktar ‘l isfel f’ dis-sentenza.

Ghaldaqstant u ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata w dana billi :-

1. tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tas-sitt imputazzjoni kif dedotta bi ksur tal-artikolu 104 (1) tal-Kap. 9 u minnflok tiddikjarah hati talli ta xiehda falza fi proceduri kriminali kontra Anna Mizzi dwar reat mhux imsemmi fl-artikolu 104 bi ksur tal-artikolu 105 tal-Kap.9 , liema reat hu kompriz u involut fir-reat originarjament dedott kontra tieghu ;
2. tikkonfermaha in kwantu sabet htija fl-imputat taht ir-raba' w s-seba imputazzjoni w ma sabitx htija kontra tieghu taht l-ewwel, it-tieni, t-tielet u l-hames imputazzjoni w in kwantu kkundannatu ghall-interdizzjoni generali ghal ghaxar snin u ghall-interdizzjoni milli jservi bhala xhud , hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja , u bhala perit , f'kull kaz li jkun u fejn ordnat li s-sentenza tal-kundanna ghall-interdizzjoni generali tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern u fejn ordnat li l-isem tal-akkuzat u l-kariga tieghu ma jingiebu fuq l-ebda sura ta' medja barra fil-Gazzetta tal-Gvern hekk imsemmija ; w
3. tirrevokha ukoll in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-erba snin prigunerija w minnflok tikkundannah ghal tlitt snin prigunerija, li minnhom ikun irid jitnaqqas kull periodu li seta' ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn l-akkuzi jekk hu l-kaz.

Finalment tirrakkomanda lill-awtoritajiet tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li jatu kull facilita' medika lill-appellant konformi mas-sitwazzjoni prekarja tas-sahha tieghu u dana taht il-vigilanza u sorveljanza mehtiega , kull meta jkun hemm bzonn.

--------------------------------TMIEM--------------------------------